**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Pierre Micallef Grimaud]**

**vs**

**Luciano Galea**

**Kumpilazzjoni Numru: 76/14**

**Illum, 17 ta' Settembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Luciano Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 479773M akkuzat talli fis-7 ta' Mejju 2011 ghall-habta ta' nofs il-lejl fil-Belt, Valletta;

1. ta n-nar jew spara (*flare*) jew xoghlijiet tan-nar ta' kull xorta tkun li tkun liema *Flare* setghet tkun ta' periklu ghan-nies minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija
2. haraq *flare* jew kull ghamla ohra ta' xogholijiet tan-nar, liema xoghol tan-nar mhux giggifogu, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija
3. m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal Pulizija Esekuttiva persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaqdu d-doveri taghhom, fixkilhom jew indahal fid-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor gab fix-xejn dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi

4. bi kliem insulenta, hedded jew ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' Ps1098 A Scerri Persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

   U aktar talli b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Novembru elfejn u hmistax (2015) fejn huwa elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe':-

(a) fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 24(1), 33(1) u 29 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fir-regolament 13 tar-Regolamenti dwar kontroll ta' xoghlijiet tan-nar u esplossivi ohra (Avviz legali 243 tas-sena 1998 kif emendat) u l-artikoli 22, 29, 30 u 31 tal-Ordinanza dwar l-esplossivi, Kap 33 tal-ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 338 (ee) u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda kollha f'dawn il-proceduri kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Illi jinghad illi l-imputat qed jiffaccja akkuzi kontra l-Ordinanza tal-Esplussivi (Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta u taht ir-regolamenti dwar Kontroll tax-Xogholijiet tan-Nar u Esplossivi Ohra);

Illi f'dawn il-proceduri hareg illi l-imputat, li kien qieghed fuq "open top bus" flimkien ma' nies ohra; kien qed jiccelebra r-rebha tat-tim tieghu tal-futboll gewwa l-Belt Valletta u fil-hin u l-mument huwa ntlemah mill-pulizija b'xi haga f'idu taqbad. Aktar tard il-pulizija jirreferu ghal dan bhala "flare" jew "suffarell". L-ufficjali kollha nkluz l-Ispettur James Grech kollha jikkonfermaw illi l-imputat gie mwissi sabiex jitfih izda dan ma garax, anzi huwa gholla spallejh bhallikieku ma jimpurtahx u aktar tard huwa insulenta lill-ufficjal tal-Pulizija PS 1098 u ghajjru "mignun u pulcinell" u "inza' l-uniformi ha niggieldu";

Illi dan l-atteggjament kollu gie kkonfemat mill-ufficjali kollha li ddeponew quddiem din il-Qorti u anke inkontroezami tad-difiza kienu kollha kostanti fil-verzjoni taghhom;

Illi dak li ma kienx cert kien x'effettivament kellu l-imputat f'idejh, kienet "flare", "suffarell" jew xi tip ta' oggett iehor. Dan qed jinghad ghaliex fid-depozizzjoni tal-ufficjali tal-pulizija dan jirreferu ghalih daqqa b'wiehed u daqqa bl-iehor u ghalhekk din il-Qorti ma jistax ikollha ccertezza ta' ezattament x'kien;

Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li "flares" jew "suffarelli" jaqghu it-tnejn taht id-dispzizzjonijiet tal-Att 33 tal-Ligijiet ta' Malta taht l-Artikolu 2 dwar it-tifsira ta' "splussivi", madanakollu hemm diffikulta' meta tigi biex tara d-dipozizzjoni applikabbli ghall-dan il-kaz;

Illi ulterjorment ir-Regolament 13 tar-Regolamenti dwar Kontroll ta' Xogholijiet tan-Nar u Esplossivi huwa car fis-sens li japplika ghall-kaz in kwistjoni u ghaliex jghid is-segwenti:

> ***"Hlief ghal dak il-loghob tan-nar ta' l-art (minghajr bombi, suffarelli tal-qasba u mgienen) maghruf bhala giggifogu, il-hruq ta' kull ghamla ohra ta' xogholijiet tan-nar fit-toroq waqt marcijiet jew okkazjonijiet ohra huwa kontra l-ligi".***

Illi mbaghad pero' meta ssir referenza ghall-Kapitolu 33 li huwa l-Att principali sabiex tara l-Artikolu applikabbli ghall-komputazzjoni tal-piena, dan ma jistax isir ghaliex l-oggett li kellu f'idejh l-imputat ma kienx maghruf.

Illi ghaldaqstant dak li hu cert hu li l-imputat kellu xi haga f'idejh li kienet qieghda tinharaq u li ma obdiex l-ordinijiet tal-pulizija u li ghajjar lill-pulizija meta dawn marru sabiex jikkonfrontawh u jkellmuh fuq dak li kien ghamel.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 338(ee) u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Luciano Galea** hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi stante li ma gewx ippruvati.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imuptat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**